# SOĊJETA' FILARMONIKA SANTA MARIJA

ŻEBBUĠ - GĦAWDEX

VO/0238

Ittra No 4/10 Il-Ġimgħa 13 ta'Awwissu 2010


## IL-FESTA TAL-PATRUNA TAGĦNA SANTA MARIJA

Matul l-aħħar jiem il-preparamenti għal festa tar-raħal bdew jidhru sew. Kemm fil-knisja kif ukoll barra, l-armar beda jintrema u r-raħal beda jilbes il-libsa bi tħejjija ghal Festa ta' l-Assunta. Dan kollu jfisser xogħol u sagrifiċċji kbar għal dawk kollha nvoluti f'din il-ħidma volontarja. L-istess nistgħu ngħidu għas-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija fejn il-kontribut li l-Banda taghna tagħti fil-jiem tal-Festa hu wieħed sinifikanti. Għaldaqstant il-Banda trid tippreprara ruħha sew għal din l-okkażżjoni ta' darba f'sena u tistinka biex is-servizzi li tagħti fir-raħal ikunu servizzi ta' livell għoli.

## IL-PROGRAMM MUŻIKALI ANNWALI. – "NIĊĊELENRAW 15 FLIMKIEN"

Programm li issa daħal sew fil-kalendarju kulturali kemm tas-Soċjeta' kif ukoll tar-raħal hu bla dubju ta' xejn il-Programm Mużikali Annwali tal-ġimgha tal-festa. Din is-sena ser isir nhar l-Erbgha 18 t'Awwissu 2010 fit-8.45 p.m. It-tħejjijiet ilhom li bdew xhur ilu u bosta kienu dawk il-persuni li fl-aħħar gimghat kienu għaddejjin b'ħidma siekta sabiex il-programm mużikali annwali tal-Banda Santa Marija ikun għal darba oħra suċċess. Il-Bandisti tagħna kienu impenjati b'sensiela ta' kunċerti bi tħejjija mhux biss għall-programm iżda ukoll għas-servizzi ta' żmien il-Festa fosthom l-esekuzzjoni ta' l-Innu l-Kbir. Il-pratoganisti prinċipali ser ikunu għal darba oħra l-bandisti tal-Banda Santa Marija. Biss għandna ukoll talent ieħor lokali fosthom il-kantanta żagħżugħa Thea Garret li bħalma jaf kulħadd hi r-rebbieħa tal-Festival Kanzunetta għal EuroVision ta' din is-sena. F'dan il-Programm Mużikali hu pjanat li s-Soċjeta' tagħti ġieh lil persuni li fi żmien jew ieħor taw kontribut siewi lis-Soċjeta' jew lil-Parroċċa tagħna. Nifirħu ukoll lil xi aljievi li ser issirilhom il-vestizzjoni bħala bandisti ġodda mal-Banda Santa Marija wara snin ta'studju. Bi pjaċir ngħidu li għal sena oħra dan il-Programm Mużikali. qed jerġa jsir bil-kollabarazzjoni sħiħa tal-Kunsill Lokali Żebbuġ. Nieħdu din l-okkażjoni sabiex pubblikament nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali Żebbuġ li għal darba oħra approva din l-għajnuna. Ngħidu grazzi ukoll lill-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill tal-Kultura għal għajnuna u koperazzjoni li nsibu sabiex inkunu nistgħu ntellgħu din is-serata b'suċċess. Ngħidu grazzi fuq kollox lill-bandisti tas-sagrifiċċji li għamlu matul dawn l-aħħar ġimgħat li fihom saru il-kunċerti. Minn qalbna ngħidu grazzi lil dawn il-persuni kollha li lkoll flimkien qed ikomplu jkabbru l-Festa ta' l-Assunta.

## SERVIZZI OĦRA FIR-RAĦAL U LIL HINN MINNU

Infakkru lill-bandisti tagħna li dawn huma is-servizzi u l-ħinijiet li baqalna għal dan l-istaġun tal-Festi. Filwaqt li nappellawlhom biex jieħdu nota tagħhom nirringrazzjawhom bil-quddiem tas-servizzi li dejjem joffru mill-qalb.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Il-Ġimgħa | 20 ta' Awwissu 2010 | 9.30 p.m. | Żebbuġ | Dimostrazzjoni (minn Triq Ponta) |
| Il-Ħadd | 22 ta' Awwissu 2010 | 11.30 a.m. | Żebbuġ | Marċ ta' filgħodu (minn ħdejn il-Kazin) |
| Il-Ħadd | 22 ta' Awwissu 2010 | 7.00 p.m. | Żebbuġ | Innu Kbir u Purċissjoni |
| It-Tnejn | 6 ta' Settembru 2010 | 9.30 p.m. | Xaghra | Dimostrazzjoni (minn Nazzarenu) |
| Il-Ħadd | 12 ta' Settembru 2010 | 4.45 p.m. | Żebbuġ | Festa Madonna tal-Għazziela |



## IL-BAR TAL-BANDA FI ŻMIEN IL-FESTA

Ta' kull sena meta tkun qed toqrob il-Festa, l-Kumitat javviċina lil Toni Calleja u jitolbu l-garaxx biex jiftaħ Bar bl-iskop li jibqa' xi ftit tal-qliegħ li minnu jitħallsu spejjeż marbutin mal-attivita' tal-Banda. Toni issa ilu s-snin joffrilna minn qalbu mhux biss il-garaxx iżda tista' tgħid daru kollha biex jagħmel il-ħidma tagħna faċli kemm jista' jkun. Toni joffrilna daru mhux biss fil-jiem tal-festa iżda ukoll f'attivitajiet oħra bħas-Serata fil-Pjazza li norganizzaw fi tmiem Lulju. Barra minn dan Toni qatt ma żammilna ħabba waħda tad-dawl li naħħlu u minn hawn pubblikament nirringrazzjawh għal dak li dejjem għamel magħna u mas-Soċjeta' tagħna.. Matul dawn l-aħħar snin diversi membri tal-Kumitat flimkien ma voluntiera oħra b'sagrifiċċji mhux żgħar ħadmu għal sigħat twal biex jiftħu dan il-ħanut. Il-Kumitat qed jagħmel appell lill-kulħadd sabiex fi żmien il-festa tiġu jżuru l-Bar tal-Banda u tagħmlu użu mis-servizzi tagħna. B'dan il-mod tkunu qed tirrikonoxxu l-ħidma tagħna u tagħmlulna l-kuraġġ inkomplu b'din l-attivita' fis-snin li ġejjin. Narawkom.

## BBQ L-GHADA TAL-FESTA

Infakkru ukoll li t-Tnejn 23 t'Awwissu 2010 bejn l-5.00 u t-8.30 p.m .ikollna BBQ "Taħt ix-Xifer" fejn bandisti, studenti u helpers niltaqgħu u nieħdu xi ħaga żgħira flimkien. Dan hu possibli grazzi għal għajnuna li joffrilna Dun Ġużepp Vella. Grazzi mill-qalb tmur ukoll lil Salvu Camilleri u Cecil Cefai u voluntiera oħra li jagħtu daqqa t'id biex dan il-BBQ jirnexxi minn sena għal oħra. Il-bandisti u l-istudenti għandhom jieħdu dan l-avviz bħala stedina uffiċjali. Ikun hemm transport li jitlaq mill-pjazza fl-4.45 p.m

## RINGRAZZJAMENTI

- Nirringrazzjaw lil Arċipriet Dun Reuben Micallef tal-koperazzjoni u l-għajnuna kbira li nsibu mingħandu speċjalment f'dan iż-żmien tal-Festa.
- Grazzi lil dawk kollha li għogobhom jirriklamaw il-prodotti tagħhom fil-ktieb tal-festa. Nappellaw li hekk kif għinuna huma hekk ukoll aħna ngħinu lilhom billi nixtru u nagħmlu użu mis-servizzi li joffru.
- Nirringrazzjaw li bosta benefatturi li għaddewlna għotjiet b'risq it-tkomplija tal-Każin.

## APPELL U ĦSIEB TA' RIFLESSJONI MID-DIRETTUR SPIRITWALI GĦAL-FESTA

Id-Direttur Spiritwali Kan Dun Karm Cini jixtieq jappella u jħeġġeġ lill-membri tal-kumitati, bandisti, allievi, soċi u benefatturi tas-Soċjeta Filarmonika Santa Marija sabiex f'dawn il-jiem ta' Festi ad unur il-Patruna tagħna Santa Marija, niġġeddu lkoll spiritwalment billi nersqu għal qrara sinċiera u nqaddsu l-Festa bi tqarbina xierqa.

" O Alla li tista' kollox, int li erfajt għall-glorja tas-sema, bir-ruħ u l-ġisem, il-Verġni bla tebgħa Marija, Omm Ibnek: agħtina Nitolbuk li ħsibijietna jkunu dejjem fil-ħwejjeġ tas-sema,
biex jistħoqqilna li jkollna sehem fil-Glorja tagħHa. "

Silta mill-Antifona ta' Santa Marija

**Stephen Cini**
**Segretarju**

**Il-Festa t-Tajba lilkom u lill-Familji tagħkom.**